**PR NCPE Amendments**
**7th March 2012**

**Responsabbiltajiet ġodda għall-NCPE: ħarsien tal-ugwaljanza abbazi ta' orjentazzjoni sesswali u identita' tal-ġeneru**

Il-Kummissjoni Nazzjonali dwar il-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE) se tingħata r-responsabbilta' li taħdem kontra kull tip ta' diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol u fejn dan s'issa mhux kopert b'mod effettiv. Permezz ta' emendi li se jitressqu għall-Att dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa, din il-Kummissjoni issa se tkun responsabbli milli tissalvagwardja, tippromwovi u tħares l-ugwaljanza mhux biss bejn l-irġiel u n-nisa, iżda wkoll abbażi ta' eta', orjentazzjoni sesswali, identita' tal-ġeneru, reliġjon u/jew twemmin.

L-NCPE qed tingħata r-responsabbilta' wkoll li tassigura t-tħaddim tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa li huma nvoluti f'attivita' ekonomika bħala *self-employed* kif imfisser mid-Direttiva tal-Kummissjoni Ewropea 2010/41/EC. Din id-Direttiva, li tidħol fis-seħħ fil-5 ta' Awwissu 2012, tħares l-interessi kemm ta' self-employed kif ukoll tan-nisa jew l-irġiel tagħhom.

Dan tħabbar mill-Ministru tal-Ġustizzja, Konsultazzjoni Pubblika u l-Familja Chris Said, lejliet Jum il-Mara, waqt żjara li għamel fl-uffiċċji tal-NCPE f'Gattard House fi Blata l-Bajda fejn intlaqa' mill-Kummissarju Maud Muscat u mid-Direttur Eżekuttiv tal-NCPE Dr. Romina Bartolo.

Il-Ministru Chris Said qal li bit-twessiegħ fir-responsabbilitajiet tal-NCPE u bid-dħul fis-seħħ tal-emendi li se jitressqu għad-diskussjoni fil-Parlament, se jkun qed jitwettaq punt 235 tal-programm elettorali tal-Gvern. Hu qal li l-Liġijiet ta' Malta (Kap 456) diġa jissalvagwardjaw l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u jippromwovu trattament indaqs fejn jidħol ix-xogħol, l-edukazzjoni, l-aċċess għall-banek u istituzzjonijiet finanzjarji. Bl-emendi l-ġodda se tkun garantita l-ugwaljanza fl-istess oqsma għal kullħadd irrispettivament mill-orjentazzjoni sesswali, mill-identita' tal-ġeneru u mit-twemmin.

Il-Ministru Chris Said sostna l-impenn tal-Gvern li jaqta' kull tip ta' diskriminazzjoni li teżisti fis-soċjeta'. 'Għamilna passi kbar 'il quddiem. Illum in-nisa għandhom l-istess drittijiet daqs l-irġiel u qed naħdmu biex naqtgħu kull forma ta' diskriminazzjoni. Għalhekk daħħalna liġijiet u qed nipproponu oħrajn biex nassiguraw li ħadd ma jiġi diskriminat minħabba sess, reliġjon, kulur jew orjentazzjoni sesswali. Hekk per eżempju din il-ġimgħa ressaqna fil-Parlament abbozz ta' liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Kap 9) sabiex jistabbilixxi bħala reati kull tip ta' vjolenza - inċitament, approvazzjoni, inġurja, abbuż

verbali u vjolenza aggravata – fil-konfront ta' persuni jew gruppi ta' persuni fuq bażi ta' ġeneru, identità tal-ġeneru u/jew orjentazzjoni sesswali.'

Il-Ministru Chris Said tkellem ukoll dwar l-avvanz tan-nisa fis-soċjeta' Maltija li llum għandhom l-istess opportunitajiet tal-irġiel f'ħafna oqsma inkluż fl-oqsma tax-xogħol u l-edukazzjoni. Hu qal li minn kull 10 studenti fl-Universita' ta' Malta, sitta huma nisa. F'Settembru 2011 kien hemm 6,092 mara aktar taħdem milli f'Settembru 2008. F'għaxar snin in-nisa li jaħdmu żdiedu b'aktar minn 10,000. Madanakollu dan mhux biżżejjed u hu essenzjali għall-ekonomija li dawn ikomplu jiżdiedu. Hu għalhekk li l-Gvern qed jinvesti ħafna f'*family friendly measures* u qed iħeġġeġ lis-settur privat biex anki hu jibda jintroduċi u jħaddem miżuri li permezz tagħhom jattira aktar nisa u jżomm fl-impjieg lin-nisa li jsiru ommijiet.

Il-Ministru Said elenka wkoll diversi inizjattivi maħsuba biex iħeġġu aktar nisa jibqgħu jaħdmu jew jirritornaw fid-dinja tax-xogħol fosthom li ġenituri li jaħdmu t-tnejn u li qed irabbu t-tfal, minn din is-sena qed jiffrankaw bejn €150 u €840 fis-sena fi tnaqqis fl-income tax bejniethom; il-leave tal-maternità din is-sena żdied minn 14-il ġimgħa għal 16-il ġimgħa. Is-sena d-dieħla se jiżdied għal 18-il ġimgħa. Il-Gvern se jħallas lill-ommijiet li jieħdu l-maternity leave kemm jekk jaħdmu mal-gvern kif ukoll jekk jaħdmu fis-settur privat; ommijiet li jibqgħu jaħdmu wara li jkollhom it-tfal igawdu minn tax holiday Skemi oħra ta' tnaqqis fl-income tax japplikaw ukoll għal nisa li jirritornaw għax-xogħol. Minn dawn l-iskemi diġa gawdew 8,600 familja; u ġenituri li jibagħtu lil uliedhom f'faċilitajiet privati tal-kindergarten jistgħu jnaqqsu €1,300 fis-sena mill-kalkulazzjoni tat-taxxa tad-dħul.

Il-Ministru Said tkellem dwar il-parteċipazzjoni tan-nisa fil-politika u semma kif fl-elezzjonijiet lokali ta' nhar is-Sibt li ġej 20 fil-mija tal-kandidat, 84 minn 420, huma nisa. 'Dan juri li l-mara qed tipparteċipa dejjem aktar f'oqsma li sa ftit tas-snin ilu kienu meqjusa tal-irġiel. Madanakollu dan mhux biżżejjed u se nkomplu naħdmu biex aktar nisa jipparteċipaw fil-livelli kollha tas-soċjeta'.

Fl-aħħarnett il-Ministru Chris Said awgura li Jum il-Mara iservi bħala riflessjoni mhux biss fuq il-kisbiet li għamlu n-nisa fis-soċjeta' Maltija matul is-snin li għaddew, iżda wkoll sabiex ilkoll naħsbu fin-nisa li f'soċjetajiet viċin tagħna għadhom ma ngħatawx rikonoxximent u għarfien għad-drittijiet, l-aspirazzjonijiet u l-ħiliet tagħhom.